**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**12 t'April 2022**

**Rikors Numru 109/2021**

**Kenneth Tabone**

**Vs**

**Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Kenneth Tabone** ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"1.Illi permezz ta' ittra datata 4 ta' Ottubru 2021 (Dokument AST1) l-esponenti ġie infurmat mill-intimata Awtorita tal-Artijiet li fuq t-talba oriġinali tiegħu għall-"No Objection in Principle" għall-"Kiosk for selling food at Part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar" li b'deċiżjoni tagħha ngħad hekk;*

*"With reference to your application , to submit a Development Permission Application with the Planning Authority , the Lands Authority has assessed and decided upon the request as follows: Decision: "REFUSE CONSENT" u tkompli a) The Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development." Kif ukoll "The Lands Authority is hereby refusing the request for a concession by encroachment, as per Article 31(g)(H) of Chapter 573 of the Laws of Malta for the following reasons:"*

*2.Illi din d-deċiżjoni ssegwi oħra li ntbgħatet lill-esponenti permezz ta' ittra datata 24 ta' Lulju 2019 fejn dak iż-żmien l-esponenti kien ġie nfurmat mill-intimati Awtorita tal-Artijiet li fuq t-talba tiegħu għall-"No Objection in Principle" għall-"Kiosk for selling food at Part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar" b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi meħuda fis-19 ta' Lulju 2019 din ġiet miċħuda.*

*3.Illi l-motivazzjoni ta' tali deċiżjoni dak iż-żmien kienet kważi l-istess u simili ħafna li "peress li ma hemmx bżonn għal Kiosk oħra f'dak l-ambjent peress li diġa jeżistu numru ta' stabbilimenti kummerċjali u talli kiosk tista toħloq perikolu għat-traffiku"*

*4.Illi l-esponenti billi kien ħassu aggravat minn dik id-deċiżjoni rrikorra quddiem dan t-Tribunal u b'deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet Kenneth Tabone vs Awtorita tal-Artijiet (App.Inf.75.19) d-deċiżjoni tal-imsemmija Awtorita tal-Artijiet intimata ġiet miċħuda u dan skont dak li ngħad u cioe' li "Għar-raġunijiet premessi , din l-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tilqa l-appell tal-appellant u tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ċaħdet l-appell tal-appellant abbażi tal-perikolu għat-traffiku, u konsegwentement tħassar u tirrevoka wkoll d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita appellata tad-19 ta' Lulju 2019.".*

*5.Illi stante li mill-4 ta' Novembru 2020 minkejja l-fatt li l-esponenti kien kiteb diversi drabi lill-awtorita intimata sabiex timplimenta tali deċiżjoni u baqgħet inadempjenti huwa pproċeda b'talba ta' mandat in proċintu numru 1151.2021 liema talba ġiet debitament milqugħa u l-imsemmija Onorabbli Qorti tal-Appell indikat u ddeċidiet b'digriet tagħha tat-3 ta'Settembru 2021 li kellhom jieħdu deċiżjoni skont d-direzzjoni tagħha u ċioe' l-ewwel li l-imsemmija Awtorita intimata għandha tqis mill-ġdid t-talba tal-esponenti u għal dan il-għan "Tqis ukoll li l-imsemmi eżerċizzju għandu jiġi eżegwit in buonafede u fi żmien raġonevoli" u t-tieni li "Tordna għalhekk l-ħruġ ta' mandat in proċintu a tenur tal-artikolu 338G tal-Kapitolu 12 kontra l-intimata Awtorita tal-Artijiet, sabiex din tiffinalizza l-proċess ta' evalwazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni tar-rikorrent fi żmien erba (4) ġimgħat mill-ħruġ ta' dan l-mandat, wara li tagħti konsiderazzjoni xierqa lir-raġunijiet mogħtija minn din l-Qorti fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Novembru 2020".*

*6.Illi minkejja dan l-imsemmija Awtorita intimata issa rrikorriet għal forma ta' raġuni li għalkemm tidher differenti fil-fatt tkompli fl-istess linja oriġinali u dan mingħajr ma qiegħed jiġi umilment sottomess taħt konsiderazzjoni xierqa tad-direzzjoni mogħtija mill-Qorti Onorabbli u dan għalhekk sabiex tiċħad t-talba tal-esponenti.*

*7.Illi minħabba l-fatt li l-esponenti jħossu aggravat bl-aġir u b'din d-deċiżjoni tal-4 ta' Ottubru 2021 minnha bil-presenti qiegħed jressaq umili appell ulterjuri quddiem dan t-Tribunal Onorabbli.*

*8.Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

*a. Illi preliminarjament l-esponenti bħal ma kien ssottometta u ġie mgħarbel sew mill-Qrati nostrali ma jara ebda raġuni valida fil-liġi sabiex ma jkunx hemm l-aċċettazzjoni tat-talba tiegħu kif stabbilita. Hemm huwa qiegħed jibża li daħal forma ta' akkaniment li sviluppa sfortunatament meta l-esponenti rrikorra lejn dan t-Tribunal. Jidher li ma ngħatax piż għad-direzzjoni tal-Qorti tal-Appell billi din ma ġietx deċiża kif kellha in buona fede u fi żmien raġonevoli u din hija "skuża" oħra sabiex għalhekk ma tiġix implimentata d-direzzjoni tal-Qorti tal-Appell u t-tawwal l-proċeduri għall-esponenti.*

*b. Illi fl-ewwel lok fuq dan proprju iktar bir-rispett huwa jirrileva li l-imsemmija ittra ma fiha ebda spjegazzjoni jew motivazjoni valida imma hija deċiżjoni li tidher iktar arbitrarja u mhux bażata fuq il-liġi. U dan għalhekk jmur kontra kontra s-sub-artikolu*

*tnejn (2) "h" tal-Kapitolu 490 Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva li jgħid li s-sentenzi għandhom ikunu motivati "Tribunal amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija deċiżjoni." U dan kif huwa rifless fl-insenjament kostituzzjonali tagħna senjatament kif ġie deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża Raymond Gauci vs Il-Pulizja et fis-27 ta' Ġunju 2002 fejn l-Qorti r-riaffermat li għandha bżonn ta' deċiżjoni motivata u dan huwa parti mill-priniċipju ta' smiegħ xieraq u ta appell.*

*c. Illi fit-tieni lok l-esponenti umilment jissottometti ukoll li hemm irritwalita ulterjuri għax l-imsemmija ittra ma tinwadrax f'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi. L-esponenti umilment jirrileva li din d-deċiżjoni hija maħruġa mill-Lands Department u ffirmata mis-sinjura Antonia Farrugia mingħajr ma hemm indikazzjoni jew identifikazzjoni ta' liema struttura fi ħdan l-Awtorita intimata verament ħadet din id-deċiżjoni kif ukoll tal-kariga jew posizzjoni li tokkupa .*

*d. Illi fit-tielet lok ukoll jissottometti u jirrileva l-irritwalita ta' tali deċiżjoni u dan senjatament fil-mod ta' kif ġiet miktuba jew formulata. Għax għalkemm f'mument nsibu kif indikat li qed jirrifjutaw għax: "The Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development." Pero sussegwentement l-istess ittra tindika li hemm raġunijiet oħra li ma ġewx esposti meta ingħad hekk "The Lands Authority is hereby refusing the request for a concession by encroachment, as per Article 31(g)(H) of Chapter 573 of the Laws of Malta for the following reasons:"*

*e. Illi fir-raba lok f'kull lok r-raġuni qsajra mressqa u ċioe'; The Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development." ma hiex bażata fuq s-sewwa kif diġa rriżulta mill-provi prodotti mhux biss imma terġa ma ssegwix preċiżament l-loġika d-deċiżjoni għar-rifjut preċedenti u ċioe' "li ma hemmx bżonn għal Kiosk oħra f'dak l-ambjent* ***peress li diġa jeżistu numru ta' stabbilimenti kummerċjali*** *u talli kiosk tista toħloq perikolu għat-traffiku" .*

*Għalhekk qiegħed jiġi umilment sottomess li din l-motivazzjoni ma hiex minna u hija mressqa bħala raġuni sabiex ttawwal l-applikazzjoni tal-esponenti u tassigura fuq kollox li ma tiġi implimentata s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.*

*f. Illi fil-ħames lok fil-mertu l-esponenti jirreferi l-ewwel għal dak li kien ssottometta fir-rikors promotur tiegħu kif u ċioe' li din t-talba tiegħu tistgħa tiġi milqugħa u għax "Dan jirriżulta ampjament għax mill-pjanti debitament minnu sottomessi preparati dettaljatament mill-Perit Jesmond Mugliett jidher ċar li ma huwiex ser jkun hemm xi forma ta' kunflitt jew ostruzzjoni. L-istruttura proposta hija waħda kompatta deżinjata apposta biex toqgħod f'parti "interna" fejn ma xxekkilx u anzi ma ttellifx la l-terzi u wisq inqas t-traffiku. Minn eżami tal-post jidher ċar li hemm triq wiesgħa u fejn min jrid jieqaf għandu kull ħin biex jersaq fil-ġemb dejjem jekk dan jkun ġej b'vettura u mhux jaħdem fl-akkwati nnifishom. Mhux biss imma hemm ukoll spazzju għall-iktar minn dawn l-istrutturi għal min jrid jagħti servizz kif qiegħed jipproponi l-applikant għax presentement ma hemmx dawn l-istrutturi temporanji fil-post. U għalhekk tali applikazzjoni hija konsonati mal-użu intelliġenti għall-żieda tar-riżorsi tal-Awtorita għall-isvilupp ekonomiku u soċjali tal-post." U t-tieni għall-provi prodotti fl-*

*imsemmija proċeduri fejn f'ebda mument ma ġiet msemmija fejn saret referenza għal din l-posizzjoni meħuda issa."*

*g. Illi fis-sitt lok l-esponenti formalment għalhekk umilment jirreferi għall-provi u l-atti li diġa ġew miġbura fil-proċeduri deċiżi finalment mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet premessi (App.Nru 75/2019/1LM) u jitlob li l-atti jiġu debitament allegati u esebiti f'dawn l-proċeduri*

*Għaldaqstant l-appellanti fil-waqt li jagħmel referenza għas-suespost , għall-prova diġa prodotta u dawk produċċibbli quddiem dan it-Tribunal Onorabbli kif ukoll għas-sottomissjonijiet li saru u dawk sollevabbli jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu jirrevoka, jħassar u jannulla d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorita tal-Artijiet kif kontenuta fl-ittra tal-4 ta' Ottubru 2021 u konsegwentement li jingħataw dawk l-ordnijiet jew provvedimenti oħra li jidhirlu xierqa u ġusti. Bl-ispejjes kontra l-imsemmija Awtorita."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ippreżentata fit-2 ta' Novembru 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*"Illi l-Awtorita ġiet notifika bir-rikors fl-ismijiet su-ċitati nhar it-tmintax t' Ottubru elfejn wiehed u ghoxrin u ġiet mogħtija għoxrin ġurnata ċans biex tirrispondi skont il-liġi.*

*Illi l-appellant kien intavola applikazzjoni mal-Awtorita esponenti bin-numru PLA1/2019/1840 għall-No objection in principle ;- Kiosk for selling food at part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar. Dik l-applikazzjoni kienet ġiet rifjutata mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' esponenti 'peress li ma hemmx bżonn għal-Kiosk oħra f' dak l-ambjent peress li diġa jeżistu numru ta' stabbilimenti kummerċjali u tali kiosk tista' toħloq periklu tat-traffiku'.*

*Illi dik id-deċiżjoni ġiet appellata quddiem dan l-Onorabbli Tribunal permezz ta' rikors numru 75/2019 fl-ismijiet Kenneth Tabone vs l-Awtorita' tal-Artijiet u fejn dan l-Onorabbli Tribunal laqa' parzjalment l-appell imsemmi. Madankollu, wara appell minn dik id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri tagħha irrevokat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi fit-totalita' tagħha.*

*Illi għalhekk l-esponenti intalbet mill-appellant sabiex hija toħroġ il-permessi neċessarji in vista tal-istess deċiżjonijiet. Konsegwentament, l-esponenti reġgħet bdiet tikkonsidra mill-ġdid l-applikazzjoni u t-talba tal-appellant.*

*Illi sadanittant l-appellant ppro*ċ*eda b' talba ta' mandat in procinctu numru 1151/2021 u liema ġie milqugħ mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Illi l-esponenti għalhekk kompliet bil-proċeduri interni ta' rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni tal-appellant, u liem ġew mitmuma permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-4 t' Ottubru 2021.*

*Illi l-Awtorita' ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha, fejn hija irrifjutat il-kunsens tagħha stante li 'The Lands Authroity cannot accede to piecemeal requests for the establishment of kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development'.*

*Illi primarjament jiġi għalhekk senjalat illi tali deċiżjoni ta' rifjut ma tallaċċja bl-ebda mod u hija differenti u indipendenti minn dik preċedenti (tal-24 ta' Lulju 2019), u dan kontrarjament għall-dak li qed jissenjala l-appellant. Filwaqt li l-ewwel deċiżjoni kienet fuq żewġ binarji, u iġifieri li ma kienx hemm il-ħtieġa ta' aktar kiosks u l-periklu relatat mat-traffiku, id-deċiżjoni odjerna tikkunsidra id-designazzjoni tal-post innifsu li fuqu saret l-applikazzjoni u kif dan ma huwiex pjanat għall-iżvilupp propost (għat-tqegħid ta' kiosk).*

*Illi l-esponenti waslet għal tali deċiżjoni wara li hija għamlet il-konsiderazzjonijiet kollha meħtieġa, inkluż billi ikkunsidrat l-osservazzjonijiet kemm ta' dan l-Onorabbli Tribunal u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u kif ukoll id-designazzjoni tas-sit u n-natura tal-kiosk propost.*

*Illi l-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-4 t' Ottubru 2021, u għalhekk ressaq dan l-appell quddien dan l-Onorabbli tirbunal.*

*Illi l-istess appellant issenjala l-aggravju tiegħu, u liema l-esponenti sejra tirrispondi għall-istess kif ġej;*

A) *Illi primarjament, l-esponenti tiċċara li ma huwiex il-każ li daħal xi forma t' akkaniment fil-konfront tal-appellant. L-esponenti tiġi rinfaċċjata b'diversi oġġezzjonijiet jew appelli ai termini tal-artiklu 57 tal-Kapitlu 563 u bl-istess mod hija jkollha diversi applikazzjonijiet li terġa tikkonsidra mill-ġdid kif ordnat minn dan l-Onorabbli Tirbunal jew Qrati oħra. Konsegwentement imbagħad ikun mill-ġdid fid-diskrezzjoni tal-esponenti illi tiddeċidi kull applikazzjoni partikolari, fuq il-mertu tagħha u dan in vista ta' dawk il-konsiderazzjonijiet relevanti fil-mument partikolari ta' vetting.*

   *Illi kif ser jiġi muri, l-esponenti mxiet bil-mod solitu ta' kif tiġi irrikkonsidrata applikazzjoni, u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni da parti tal-appellant dwar xi nuqqas f' dak il-proċess għandu jiġi pruvat mill-istess appellant. Madankollu, l-esponenti sejra turi wkoll kif kontrarjament għall-dak allegat mill-appellant, hija eżaminat u tat piż għad-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell.*

   *Illi aktar minn dan, din id-deċiżjoni ma hijiex xi 'skuża' kif qed issostni l-appellant. Din hija deċiżjoni meħuda fid-dawl ta' dak li l-liġi stess tobbliga lill-esponenti li tagħmel, u iġifieri li tamministra bl-aktar mod assolut l-art tal-Gvern ta' Malta bl-aħjar mod possibli u sabiex isir l-aħjar użu minnha. L-Awtorita' tal-Artijiet kjarament ma hijiex tal-fehema illi l-aħjar użu ta' din l-art ikun għat-tqegħid ta' kiosk, meta l-istess art m'hijiex pjanata għall-żvilupp bħall dan.*

B) *Illi fl-ewwel lok, l-appellant jirrileva illi skontu d-deċiżjoni ma fiha ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni valida, u jsostni li tidher arbitrarja u mhux bażata fuq il-liġi. L-esponenti iżda tissenjala illi l-bażi ta' rifjut mhux talli jinsab fil-liġi, talli huwa bbażżat purament fuq l-obbligi li l-liġi tpoġġi fuq l-istess esponenti kif hawn fuq spjegat ai termini tal-artiklu 7 tal-Kapitlu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa għalhekk li l-leġislatur jagħti diskrezzjoni speċifika lill-Awtorita' tal-Artijiet sabiex tiddeċidi applikazzjonijiet bħall dawn.*

*Illi fir-rigward tal-motivazzjoni, l-esponenti tissenjala li deċiżjoni ta' Awtorita' amministrattiva għandha tkun motivata biżżejjed sabiex persuna tkun tista tikkontesta dik l-istess deċiżjoni, u dan anke skont l-insenjamenti relattivi fir-rigward tat-duty to give reasons fil-kuntest ta' Awtoritajiet pubbliċi (u mhux ta' xi korp ġudizzjarju jew Kważi-ġudizzjarju fejn deċiżjoni trid tkun ferm aktar elaborata).*

*Illi d-deċiżjoni hija wkoll motivata biżżejjed sabiex l-appellant jifhem illi l-Awtorita ma qegħdiex taċċetta talbiet għat-tqegħid ta' kiosks f' siti li ma humiex pjanati għall-tali żvilupp. Posizzjoni li l-esponenti qiegħeda issegwi mal-applikanti kollha li japplikaw fuq siti li ma humiex allokkat għall iżvilupp partikolari li huma jkunu talbu. Dan hekk kif huwa fid-diskrezzjoni tal-istess Awtorita', u saħansitra fl-interess tal-pubbliku inġenerali li jiġi assigurat li ma jibqgħux jitqiegħedu kiosks f' żoni li ma humiex identifikati għall-dawn l-iskopijiet, u sabiex tinżamm uniformita' f' tali konċessjonijiet.*

*Illi fl-appell odjern jirriżulta kjarament li l-appellant fehem id-deċiżjoni, tant illi interpona appell ferm motivat u konsistenti minn għadd konsiderevoli ta' aggravji. Dan jikkonferma li d-deċiżjoni tal-esponenti kienet motivata kif mitlub mid-dettami tal-liġi u li l-istess appellant tpoġġa f' posizzjoni fejn jista' jikkontesta l-istess deċiżjoni, tant illi ressaq aggravju b' seba' binarji separati (indikati minn A sa G fir-rikors promotur).*

*Illi l-appellant jirreferi għas-sub artikolu (2) 'h' tal-artiklu 3 tal-Kapitlu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, madankollu jiġi senjalat li dak l-artiklu jirreferi għall-sentenzi tat-Tribunal Amministrattiv innifsu, u mhux tad-deċiżjoni amministrattiva illi dak it-tribunal ikun qed jiskrutinizza. Bl-istess mod, anke d-deċiżjoni li għaliha ssir referenza mill-appellant, senjatament dik tal-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża Raymond Gauci vs Il-Pulizija et tas-27 ta' Ġunju** tirrelata għall-motivazzjoni f' sentenza ta' Qorti (f' dak il-każ il-Qorti Kriminali), u mhux ta' Awtorita' Amministrattiva.*

C) *Illi fit-tieni lok l-appellant issottometta illi hemm irritwalita' ulterjuri stante li d-deċiżjoni hija skontu maħruġa mill-Lands Department u ffirmata mis-Sinjura Farrugia mingħajr indikazzjoni ta' liema struttura ħadet l-istess deċiżjoni.*

*Illi l-esponenti tissenjala primarjament illi d-deċiżjoni hija maħruġa u ġiet meħuda mill-Awtorita' tal-Artijiet, u hija meħuda mill-istess Awtorita u mhux mill-Lands Department jew xi sezzjoni oħra.*

*Illi jiġi senjalat ukoll, li l-case officer Antonia Farrugia ffirmat għall-Awtorita' tal-Artijiet (f/ Lands Authority). Ai termini tal-Artiklu 2 tal- Kap 563, l-Awtorita' tal-Artijiet tinkludi kull korp jew persuna oħra li taġixxi f' isimha. Għalhekk ma hemm xejn proċeduralment straordinarju, irregolari jew kontra l-liġi fid-deċiżjoni tal-esponenti, u dan ukoll in linea mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).*[1]

[1] Ara pereżempju deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Steve Aquilina vs l-Awtorita tal-Artijiet, deċiża fis-6 t' Ottubru 2021 (Rikors 49/2020/1).

D) *Illi fit-tielet lok l-appellant jirrileva l-irritwalita tad-deċiżjoni fil-mod ta' kif ġiet ifformulata u dan minħabba li skontu hemm raġunijiet oħra li ma ġewx indikati fid-deċiżjoni. Madankollu, l-esponenti tissenjala illi l-bażi ta' rifjut huwa wieħed u identifikabbli kif su-indikat. Il-frażi 'The lands authority is hereby refusing the request for a concession by encroachment, as per article 31 (g) (h) of Chapter 573 of the Laws of Malta for the following reasons :' hija frażi ġenerika utilizżata preżentament fid-deċiżjonijiet kollha tal-esponenti. Bl-ebda mod din ma tindika xi raġunijiet ulterjuri li ma humiex espressament indikati fl-istess ittra, u għall-kull bon fini jiġi senjalat li l-wording ta' tali frażi huwa b' dan il-mod stante li l-plural jikkomprendi wkoll lis-singular. Dan bl-ebda mod ma jista' jwassal għall-irritwalita' ta' tali deċiżjoni.*

E) *Illi fil-ħames lok, l-appellant jissenjala illi skontu r-raġuni ma hiex ibbażata fuq is-sewwa u li ma ssegwix preċiżament l-loġika tar-rifjut preċedenti.*

*Illi jiġi immedjatament ssenjalat li kif ġa spjegat din id-deċiżjoni hijja ibbażata fuq dak li trid il-liġi, u iġifieri l-aħjar amministrazzjoni tal- art tal-Gvern ta' Malta, li fl-aħħar mill-aħħar kienet ukoll il-bażi tar-rifjut oriġinali, u li għalhekk dawn ir-raġunijiet isegwu l-loġika ta' xulxin. Madankollu l-esponenti kif ġja senjalat temfasizza illi tali deċizjonijiet huma indipendenti u separati minn xulxin anke jekk loġikament kongruenti.*

*Illi aktar minn dan iżda, l-appellant, f' paragrafu 6 tar-rikors promotur ra il-loġika wara l-istess meta b' referenza għad-deċiżjoni odjerna qal 'għalkemm tidher differenti fil-fatt tkompli fl-istess linja oriġinali'. Sadanittant permezz ta' dan l-aggravju issa qiegħed isostni illi ma hemmx loġika minn deċiżjoni għall-oħra. Għalhekk, l-esponenti tissenjala li tali aggravvju huwa wieħed frivolu għall-aħħar u mingħajr bażi.*

*Illi l-appellant imur oltre meta jissottometti li l-motivazzjoni preżenti hija mressqa sabiex ittawwal l-applikazzjoni u tassigura li ma tiġix implimentata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Madankollu, jiġi senjalat mill-esponenti, illi di fatti, dak ordnat mill-Qorti tal-Appell ġie implimentat. Id-deċiżjoni oriġinali ġiet mħassra kif ordnat u saħansitra saret rikonsiderazzjoni ġdida (li inkludiet ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell) u ingħatat deċiżjoni ġdida. Deċiżjoni indipendenti minn dik ta' qabila.*

F) *Illi fil-ħames lok, l-appellant jirreferri għas-sottmissijonijiet tiegħu fil-proċeduri 75/2019 inkluż fost l-oħrajn għall-pjanti tal-perit Jesmond Mugliett, u kif ukoll għall-kwistjonijiet ta' traffiku. Madankollu, l-esponenti terġa tissotemetti illi id-deċiżjoni odjerna (dik tal-4 t' Ottubru 2020) hija totalment indipendenti minn dik ta' qabila (u liema ġiet imħassra fuq ordni tal-Qorti) u li tali konsiderazzjonijiet msemmijja f' dan il-lok għalhekk ma jistgħu jimpinġu bl-ebda mod fuq l-appell odjern. Skont l-insejament ta' dan l-Onorabbli Tirbunal u anke tal- Onorabbli Qorti tal-Appell, oġġezzjoni ai termini tal-Artiklu 57 tal-Kap. 563 tista ssir biss abbażi ta' deċiżjoni tal-Awtorita. Il-punti sollevati f' dan l-aggravju bl-ebda mod ma huma naxxenti mid-deċiżjoni hawn hekk ikkontestata.*

*Tali indipendenza fid-deċiżjonijiet juri kif l-esponenti abbraċċat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-appell u annullat id-deċiżjoni tal- 24 ta' Lulju 2019 kif hekk kienet obbligata li tagħmel.*

*Illi ulterjorament għalhekk hija wkoll irrelevanti l-kwistjoni ta' jekk fil-provi prodotti fil-proċeduri 75/2019 kienetx saret referenza jew le għad-deċiżjoni odjerna. Deċiżjoni ġdida ma hijiex meħtieġa bl-ebda mod illi tkun marbuta ma dik ta' qabilha, aktar u aktar meta l-Qrati iddikjaraw id-deċiżjoni ta' qabila nulla.*

G) *Illi huwa wkoll għalhekk li l-esponenti qiegħeda preżentament toġġezzjona għall-allegazzjoni tal-atti tal-proċeduri 75/2019 u dan stante illi l-istess atti ma huma relevanti bl-ebda mod għall-proċeduri odjerni. Dawk l-atti kienu jikkonċernaw deċiżjoni totalment differenti u indipendenti minn dik hawnhekk ikkontestata anke jekk naxxenti mill-istess applikazzjoni.*

*Kif ser jiġi muri, d-deċiżjoni preżenti hija bbażata fuq case officer report ġdid, u ukoll skont id-direzzjonijiet fis-seħħ.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrenti appellanti, u dan bl-ispejjez interament għall istess rikorrenti appellanti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` tal-Artijiet datata 4 t'Ottubru 2021 li permezz tagħha ġie infurmat illi l-applikazzjoni tiegħu għal *no objection in principle* għal *"kiosk for selling food at Part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar"* kienet qiegħda tiġi miċħuda għas-segwenti raġunijiet, u ċioe`:

*"a) The Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development."*

Illi tajjeb li f'dan l-istadju inizjali t-Tribunal jagħti r-retroxena ta' dan l-appell.

Illi fis-17 t'April 2019 ir-rikorrent kien ippreżenta applikazzjoni mal-Awtorita` intimata sabiex jingħata *encroachment* fuq biċċa art pubblika ġewwa Burmarrad sabiex fuqha jpoġġi *kiosk*. Illi din it-talba ġiet rifjutata mill-Awtorita` permezz ta' deċiżjoni datata 19 ta' Lulju 2019 u dan għar-raġuni li skont l-Awtorita` ma

kienx hemm bżonn ta' *kiosk* oħra f'dak l-ambjent peress li jeżistu numru ta' stabbilimenti kummerċjali u tali *kiosk* jista' joħloq perikolu għat-traffiku.

Illi r-rikorrent kien appella minn dik id-deċiżjoni u dan it-Tribunal, permezz ta' sentenza datata 13 ta' Frar 2020, kien laqa' parzjalment l-appell tar-rikorrent in kwantu rrevoka d-deċiżjoni appellata fir-rigward taċ-ċaħda tal-applikazzjoni abbażi tal-fatt li ma hemmx bżonn *kiosks* oħra fl-akwati, pero` żammha ferma in kwantu rifjutata abbażi li tali kiosk seta' joħloq perikolu għat-traffiku.

Illi r-rikorrent appella minn dik is-sentenza fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) permezz ta' sentenza datata 4 ta' Novembru 2020 irrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet l-appell tar-rikorrent abbażi tal-perikolu tat-traffiku. Kwindi b'dan il-ġudikat id-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata ġiet totalment revokata.

Illi jirriżulta li mmedjatament ir-rikorrent beda jiġri wara l-Awtorita` intimata biex terġa' tirrikunsidra l-applikazzjoni tiegħu kemm permezz ta' ittri legali u anke permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Mejju 2021.[2] Madanakollu jirriżulta li huwa baqa' bla risposta. Kien għalhekk li fit-28 ta' Lulju 2021 r-rikorrent ipproċeda billi ntavola Mandat in Proċintu (Numru 1151/21) fejn talab lill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) sabiex *"prevja kull direzzjoni jew digriet li tħoss opportun li jingħata umilment qiegħed jiġi mitlub li din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 388B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta tilqa' it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat in proċintu u konsegwentement li l-intimata Awtorita` tiġi ordnata li teżegwixxi s-sentenza tagħha l-4 ta' Novembru 2020 (numru 75/2019/1LM) bl-ismijiet Kenneth Tabone (K.I. 18984M) vs Awtorita` tal-Artijiet bl-ispejjeż relattivi."*

Illi permezz ta' digriet datat 3 ta' Settembru 2021 il-Qorti ta' l-Appell ordnat il-ħruġ tal-mandat mitlub u ordnat lill-Awtorita` intimata sabiex *"tiffinalizza l-proċess ta' evalwazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni tar-rikorrent fi żmien erba' (4) ġimgħat mill-ħruġ ta' dan il-mandat, wara li tagħti konsiderazzjoni xierqa lir-raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Novembru 2020."*

Wara tali ordni, l-Awtorita` intimata proċessat l-applikazzjoni fejn fl-4 ta' Ottubru 2021 ittieħdet deċiżjoni mill-Bord tal-Gvernaturi li tgħid is-segwenti:

*"Il-Bord innota d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-3 ta' Settembru 2021 in rigward tal-mandat in proċintu numru 1151/2021.*

[2] Ara ittri a fol. 132, 133, 134, 135, 136

*In ottemperanza ta' l-istess digriet il-Bord qed jiċħad it-talba tal-applikant la darba hija d-deċiżjoni tal-Gvern bħala sid l-art li kiosks ikunu jistgħu jitqiegħedu biss f'dawk il-lokalitajiet (areas) li jkunu ġew ippjanati formalment għall-iskop speċifiku li wieħed ikun jista' jqiegħed kiosk fihom."*[3]

Din id-deċiżjoni ġiet komunikata lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 4 ta' Ottubru 2021.

Illi wara li t-Tribunal ta din ir-retroxena se jibda biex jindirizza l-aggravji tar-rikorrent.

Illi t-Tribunal se jitratta l-ewwel l-aggravju tar-rikorrent dwar il-validita` proċedurali tad-deċiżjoni. Huwa jisħaq li d-deċiżjoni appellata hija irritwali għas-segwenti raġunijiet:

1. Illi tmur kontra l-artikolu 3 (2) (h) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` li deċiżjoni għandha tkun motivata. It-Tribunal jirrileva li dan l-artikolu japplika għal "tribunali amministrattivi" u mhux għal awtoritajiet pubbliċi bħal ma hi l-Awtorita` intimata;
2. Illi l-ittra ta' rifjut ma tinkwadrax ruħha f'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi għaliex hija ffirmata minn uffiċjal tal-Awtorita` mingħajr ma hemm indikazzjoni jew identifikazzjoni ta' liema struttura fi ħdan l-Awtorita` ħadet id-deċiżjoni. Illi t-Tribunal iqis li ma hemm xejn irregolari fl-istess deċiżjoni. Il-fatt li d-deċiżjoni hija ffirmata minn uffiċjal tal-Awtorita` intimata ma jnaqqas xejn mill-validita` tagħha. Kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża Steve Aquilina vs Awtorita ta' l-Artijiet deċiża fis-6 ta' Ottubru 2021: *" Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li meta tintbagħat ittra f'isem u għan-nom ta' awtorità governattiva, min jiffirma l-ittra jkun qiegħed jagħmel dan mhux f'ismu personali iżda in rappreżentanza tal-awtorità governattiva jew l-enti li tkun, u għalhekk m'hemm xejn straordinarju jew li mhux skont il-liġi fl-ittra li rċieva l-appellat. Huwa għal dawn il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti mhix tilqa' l-ewwel aggravju tal-Awtorità appellanta għaliex m'hemm l-ebda bażi fattwali jew legali għalfejn dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ, u għalhekk tiċħdu."* In oltre, t-Tribunal jirrileva li fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġie ppruvat li d-deċiżjoni ttieħdet mill-Bord tal-Gvernaturi.[4]
3. Illi d-deċiżjoni hija irritwali għaliex suppost kien fiha raġunijiet oħra li ma ġewx esposti. Illi filwaqt li huwa minnu li hemm żewġ linji fid-deċiżjoni appellata li jagħmlu referenza għal "reasons", Antonia Farrugia, l-uffiċjal li bagħtet l-istess deċiżjoni spjegat li dan kien żball tagħha u li l-unika raġuni li kien hemm ġiet imniżżla fid-deċiżjoni. It-Tribunal jinnota li d-deċiżjoni mniżżla fl-ittra tal-4 ta' Ottubru 2021 tikkombaċa mad-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi.

---

[3] A fol. 47

[4] Decizjoni a fol. 47

Illi r-rikorrent ressaq numru ta' aggravji oħra fil-mertu. Huwa jsostni li r-raġuni mogħtija fid-deċiżjoni appellata ma fiha ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni valida iżda hija deċiżjoni arbitrarja mhux bażata fuq il-liġi.

Illi min-naħa l-oħra l-Awtorita` intimata ssostni li d-deċiżjoni hija waħda valida għaliex ittieħdet abbażi ta' direzzjoni mogħtija mill-Kap Eżekuttiv u approvata mill-Bord tal-Gvernaturi. Jirriżulta li din id-direzzjoni ma kinitx teżisti meta r-rikorrent oriġinarjament kien issottometa l-applikazzjoni tiegħu.

Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx mar-rikorrent illi d-deċiżjoni mhux motivata. Għalkemm mhux f'daqstant kliem ir-raġuni tar-rifjut hija ċara tant li r-rikorrent sawwar rikors tal-appell pjuttost dettaljat.

Illi fil-fehma tat-Tribunal iż-żewġ punti kruċjali f'dan l-appell huma s-segwenti, u ċioe`:

1. Jekk id-direzzjoni tal-Kap Eżekuttiv, liema direzzjoni ma tinsab ippubblikata fl-ebda *policy*, għandhiex tapplika għall-każ odjern meta ġie stabbilit li meta ġiet intavolata l-applikazzjoni oriġinali u anke meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tali direzzjoni ma kinitx teżisti, u
2. Jekk din id-direzzjoni għandha tapplika għall-applikazzjoni odjerna, tali direzzjoni hix waħda raġunata fiċ-ċirkostanzi.

Illi jibda biex jingħad illi l-Awtorita` intimata hija fdata bl-aħjar amministrazzjoni tal-art pubblika. Dan id-dmir trid twettqu b'dak il-grad ta' diliġenza ta' *bonus pater familias*. Kien fl-isfond ta' dan id-dmir li l-Kap Eżekuttiv, Robert Vella, ħass li kellha tinbidel id-direzzjoni fir-rigward ta' għotjiet ta' *encroachment* għal *kiosk*.

Kif jirriżulta mix-xhieda tal-Kap Eżekuttiv, liema xhieda ngħatat fi proċeduri oħra quddiem dan it-Tribunal pero` ġiet esebita f'dawn l-atti biex tifforma parti mill-provi prodotti mill-Awtorita` intimata, il-prassi hi li talbiet għal *encroachments* għal *kiosks* ġodda , *street hawkers* jew *mobile hawkers* fejn ma jkunx hemm sit partikolari ppjanat b'mod komprensiv, għandhom jiġu rifjutati. Is-Sur Vella spjega li minn Frar 2021, u ċioe` minn meta huwa ġie maħtur Kap Eżekuttiv, wara li tkellem mal-Bord tal-Gvernaturi, kien hemm qbil li jimxu b'din il-prassi. Bi pjan komprensiv jifhem illi l-*area* tkun ġiet ippjanata minn qabel x'tip ta' żvilupp se tilqa' fuqha bħal ma sar fil-każ tal-parkeġġ tad-Dwejra. Spjega li fil-fehma tiegħu, la darba jkun hemm dan l-ippjanar, il-postijiet ta' parkeġġ sabiex jitpoġġew *kiosks* fuqhom għandhom joħorġu b'sejħa għall-offerti ħalli jkun hemm proċess kompetittiv.

Illi kwindi l-pozizzjoni tal-Awtorita` intimata hija pjuttost waħda ċara. Sakemm ma jkunx hemm *masterplan* fejn fih ikun inkorporat bi ħsieb fejn jistgħu jitpoġġew *kiosks,* l-Awtorita` qiegħda tiċħad kull applikazzjoni għal *encroachment*.

Illi jirriżulta li din id-direzzjoni m'hi miktuba mkien u għalhekk iċ-ċittadin bl-ebda mod m'għandu aċċess għaliha. Illi dan it-Tribunal iqis li tali direzzjoni għandha tkun ippubblikata flimkien mal-*policies* l-oħra kollha tal-Awtorita`. Iċ-ċittadin għandu jkun infurmat dwar il-politika mħaddma minn awtorita` pubblika u dan fl-interess tat-trasparenza li kull awtorita` pubblika għandha timxi biha.

Illi fir-rigward tad-direzzjoni in kwistjoni, dan it-Tribunal isib li din mhix waħda raġjonevoli għaliex qiegħda taqta' linja dritta, mentri fil-fehma tat-Tribunal m'għadhiex tiġi applikata *across the board*. It-Tribunal japprezza illi jeżistu ċerti żoni f'Malta fejn hemm lok li jiġi formulat pjan regolatorju fejn jaħseb ukoll għal tpoġġija ta' *kiosks*. Pero` ċertament is-sit fejn intalab il-permess *de quo* mhux wieħed minnhom. Dan a differenza pereżempju ta' sit ieħor mertu ta' kawża oħra li kellu quddiemu dan it-Tribunal fl-ismijiet Alfred Borg vs Awtorita` ta' l-Artijiet deċiża fis-16 ta' Jannar 2022. Fl-imsemmija kawża l-appellant talab għal *encroachment* fil-bajja tal-Armier. Dak is-sit ċertament jista' jsir ppjanar fuqu. Pero` s-sit in kwistjoni, li huwa preċiżament daħla fi triq prinċipali f'Burmarrad, ċertament ma jistax jitqabbel mal-inhawi tad-Dwejra f'Għawdex, liema eżempju ssemma' mill-Kap Eżekuttiv fix-xhieda tiegħu, jew fil-viċinanzi ta' xi bajja oħra f'Malta. Kwindi dan it-Tribunal iqis li d-direzzjoni b'mod ġenerali li qiegħda tiġi applikata mill-Awtorita' intimata hija waħda irraġjonevoli fiċ-ċirkostanzi. It-Tribunal jirrileva illi filwaqt li l-Awtorita` intimata' tibqa' finalment il-korp li għandu jara kif jista' jsir l-aħjar użu tal-art pubblika, u ħadd m'għandu jippretendi bi dritt li jiġi konċess lilu kwalunkwe titolu fuq art pubblika, ma tistax tattwa dan id-dmir b'din id-direzzjoni, fil-fehma tiegħu, daqshekk drakonjana. Dan iktar u iktar meta ma waqqfitx l-*encroachments* eżistenti tad-diversi *kiosks* oħra li hawn f'pajjiżna. Illi din id-direzzjoni se tkun qed tagħti lok għal aktar abbuż u dan kif anke ġie ppruvat fil-kawża odjerna b'dan illi ċ-ċittadin jibda ma jitlobx għall-permessi ta' *encroachment* u xorta jpoġġi *kiosks* fuq art pubblika u dan stante li skont din id-direzzjoni għandu l-kważi ċertezza li permess mhux se jingħatalu.

Illi kwindi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` għandha tagħmel eżerċizzju estensiv u tindividwa liema huma dawk iż-żoni fejn hemm bżonn isir *masterplan* biex jiġu akkomodati diversi interessi kummerċjali filwaqt li żżomm quddiem għajnejha t-tgawdija tal-pubbliku tal-art pubblika, u min-naħa l-oħra fejn hemm żoni li ma jirrikjedux, jew mhux indikat, li jsir *masterplan* tiddeċiedi dwarhom fuq bażi individwali.

Illi kif ġia ingħad hawn fuq, il-każ preżenti, ladarba l-Awtorita` intimata ma tistax tistrieħ fuq ir-raġunijiet ta' rifjut li ngħataw oriġinarjament, għandha tikkunsidra l-applikazzjoni tar-rikorrent lil hinn minn kull kunsiderazzjoni ta' *masterplan*.

Għaldaqstant, it-Tribunal, fl-ewwel lok huwa tal-fehma illi kwalunkwe *policy* u direzzjoni ta' Awtorita` għandha tiġi pubblikata sabiex iċ-ċittadini jkunu mgħarrfa kif għandhom jirregolaw irwieħhom, u fit-tieni lok jirrileva illi d-direzzjoni viġenti tal-Awtorita` fir-rigward tal-għoti ta' *encroachment* għal *kiosks* għandha tiġi riveduta skont ma ngħad hawn fuq. Filwaqt li t-Tribunal jifhem illi hemm ċerti żoni li jrid isir pjan għalihom, hemm ċerti żoni oħra li dan mhux neċessarju jew indikat. Fil-fehma tat-Tribunal iż-żona tas-sit in kwistjoni hija waħda minn dawn l-aħħar u kwindi l-applikazzjoni tar-rikorrent m'għandhiex tiġi milquta mid-direzzjoni viġenti.

Finalment it-Tribunal jiġbed l-attenzjoni tal-Awtorita` intimata għad-diversi eżempji ta' użurpazzjoni ta' art pubblika li ġiet a konjizzjoni tiegħu fil-mori ta' dawn il-proċeduri u jistieden lill-Awtorita` tieħu l-azzjoni appożita fir-rigward. Dan anke sabiex iċ-ċittadin ma jingħatax l-impressjoni li l-istess Awtorita` qiegħda twettaq xi forma ta' diskriminazzjoni bejn ċittadin u ieħor fl-għoti ta' konċessjonijiet fuq art pubblika, meta dan jista' ma jkunx il-każ.

Finalment it-Tribunal ma jistax ma josservax illi l-applikazzjoni odjerna ħadet numru ta' xhur sabiex ġiet rikonsidrata. Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza illi l-Awtorita` għandha volum kbir ta' xogħol, madanakollu kien biss wara li r-rikorrent kellu jerġa' jirrikorri għal dawn il-Qrati u kiseb Mandat in Proċintu kontra l-istess Awtorita` li finalment ittieħdet id-deċiżjoni appellata. Għaldaqstant it-Tribunal jawspika illi r-rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni appellata ssir mill-iktar fis possibbli.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jilqa' parzjalment l-aggravji tar-rikorrent u konsegwentement jiċħad ir-risposta tal-Awtorita` intimata sakemm mhux inkomptabbli ma' dak li ntqal hawn fuq, u konsegwentement qiegħed jirrevoka, iħassar u jannulla d-deċiżjoni appellata.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**